MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 26/2007

**Anthony Galea fil-kwalita tieghu ta' mandatarju tal-assenti Madame Paulette Poly Missud armla ta' Jean Missud u ta' uliedha Thierry Missud, Laurant Missud u Isabelle Missud mart Jean Pierre Vienaud; u Bernarda mart l-istess Anthony Galea fil-kwalita taghha ta'mandatarja tal-assenti Frank Galea, b'zewg prokuri annessi ma l-atti tal-kawza Citaz. 73/1958 fl-ismijiet 'Maria Debono et vs Avukat Dr Paolo Mercieca noe et' pendenti qudddiem il-Qorti ta' Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri, Civili**
**vs**
**L-Avukat Generali tar-Repubblika u Carmela armla ta' Salvatore Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-7 ta' Mejju, 2007, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettew :

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Citaz. 73/1958 fl-ismijiet "Maria Debono et vs Mercieca Avv. Dr Paolo et" tat-30 ta' Jannar 2004, liema kawza kienet tikkoncerna drittijiet ta' irkupru fuq fond in-Nadur, din il-Qorti kienet ddecidiet Ii l-attrici Carmela Vella kienet konsorti fl-utili dominju tal-fond de quo ghall-finijiet tal-ligi dwar l-irkupru u rrinvijat l-atti quddiem ii-Qorti ta' Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri sabiex din tiddecidi skond il-ligi fuq it-talbiet attrici u fuq l-eccezzjoni tal-kontro parti;

Illi waqt illi il-kawza kienet quddiem il-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili biex titkompla tinstmegha skond id-decisjoni tal-Qorti tal-Appell, l-avukat sottoskritt Ii kien assuma I-patrocinju tal-esponenti wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, induna minn document esibit mill-attrici illi kien sar kuntratt pubbliku Ii bih l-awtur tal-esponenti, Anthony Galea nomine, kien inghata b'enfitewsi gdida I-fond tieghu, illum I-fond Ii fuq l-irkupru tieghu hemm il-kawza, mill-Knisja tan-Nadur Ii bih is-snin Ii kien fadal mill-enfitewsi originali kienu gew renunzjati. Dan kien ifisser illi dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fejn din iddikjarat Ii l-attrici kellha l-konsorzju tal-utili dominju tal-fond de quo kienet zbaljata bhala fatt;

Illi ghalhekk l-esponenti ghamlu rikors fl-14 ta' Settembru 2005 quddiem il-Qorti tal-Appell ghar-ritrattazzjoni ta' din il-parti biss tas-sentenza a basi tal-artikoli 811 (k) u 811 (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12);

Illi fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell cioe' fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2006 din il-Qorti issollevat ex offficio l-kwistjoni jekk f’dan il-kaz ir-rikors ta' ritrattazzjoni hux irritu o meno in vista tal-fatt Ii l-kawza bejn il-partijiet kienet ghada ma gietx deciza u I-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti dritt ta' ritrattazzjoni kemm fi Prima Istanza kif ukoll fl-Appell fil-kaz ta' kawza Ii tkun giet deciza u ghalhekk il-Qorti tistieden lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet fuq dan iI-punt;

Illi fis-seduta tal-I5 ta' Mejju 2006 sar dan il-verbal "Trattazzjoni fuq il-punt imqajjem mill-Qorti u l-Qorti taghti zmien lill Dr Camilleri biex jaghmel nota. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq dan il-punt u cioe' fuq il-kwistjoni sollevata ex officio minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu 2006, ghat-12 ta' Settembru 2006 fid-9.00am"

Illi wara li saru noti miz-zewg nahat, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2006 l-Qorti tal-Appell tat s-sentenza preliminari fuq il-punt imqajjem minnha li biha ddecidiet li "ma hemm ebda irritwalita minhabba ic-cirkostanza sollevata minnha stess fil-verbal imsemmi tat-13 ta' Marzu 2006 u ghalhekk tordna l-prosegwiment tas-smigh tar-rikors ippresentat fl-14 ta' Settembru 2005 u dan, s'intendi, interament bla pregudizzju ghall-fondatezza o meno tat-talba ghar-ritrattazzjoni anke fid-dawl tal-oggezzjonijiet kollha mqajma mill-attrici ritrattata fir-risposta taghha tal-24 ta' Ottubru 2005, talba u oggezzjonijiet fil-mertu li ghad iridu jigu kkunsidrati minn din il-Qorti;

Illi fl-istess seduta t-tlett imhallfin tal-Qorti kif komposta astjenew milli jiehdu konjizzjoni tar-rikors ghar-ritrattazzjoni peress li kienet qed tigi invokata r-raguni imsemmija fil-paragrafu (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12. L-appell gie differit ghas-27 ta' Novembru 2006 fin-12.30p.m. ghall-kontinwazzjoni quddiem l-Qorti diversament komposta (GCD-JRM-NC);

Illi fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2006 quddiem il-Qorti kif diversament komposta kif bdiet tinstema l-kawza l-Avukat Grazio Mercieca li kien qed jidher ghall-attrici Carmela Vella, talab li l-Qorti "thassar 'contrario imperio' d-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 2006 ghar-raguni (1) illi d-decizjoni fit-tielet paragrafu ma ssegwiex il-premessa maghmulha fl-ewwel paragrafu u (2) ghax id-decizjoni ma hiex motivata. Dr Albert Camilleri jopponi ghat-talba billi il-provvediment tal-20 ta' Novembru 2006 huwa sentenza in parte. Illi wara li saru dawn il-verbali u gie trattat l-punt mqajjem minn Dr Mercieca l-President qal li l-kawza kienet sa tigi differita ghat-2 ta' Marzu 2007 ghal provvediment fuq it-talba maghmulha illum u ghas-

sentenza. Dr Camilleri immedjetament gibed l-attenzjoni tal-Qorti li huwa ried jittratta l-mertu tar-rikors li ma kienx ghadu gie qatt ttrattat u dana irrispondih li jkollhu c-cans li jaghmel dan ghax kellu jinghata provvediment biss. Meta Dr Camilleri gibet l-attenzjoni tal-Qorti li fid-data li ghaliha giet mhollija l-kawza huwa ma jkunx jista' jattendi ghaliex kellu jkun quddiem il-Qorti ta' Ghawdex wiehed mill-imhalfin rega qallu 'ma jimpurtax din thalliet ghall-provediment'. Is-seduta ma hadix aktar minn kwarta;

Illi fil-fatt fit-2 ta' Marzu 2007 l-Qorti flok ma illimitat ruhha li taghti provvediment fuq t-talba maghmula mid-difensur tal-attrici ghal digriet 'contrario imperio' ghaddiet biex tat s-sentenza fuq il-mertu u dana minghajr dan qatt ma gie trattat mid-difensuri la mill-Qorti kif originarjament komposta u lanqas kif diversament komposta;

Illi bis-sentenza taghha finali tat-2 ta' Marzu 2007 il-Qorti cahdet t-talba ghar-ritrattazzjoni bl-ispejjes kontra l-esponenti u wahhlet lill-konvenuti Lm250 spejjes addizzjonali billi qalet li t-talba ghar-ritrattazzjoni kienu frivola u vessatorja;

Illi huwa jidher car li ma saritx trattazzjoni quddiem il-Qorti kif diversament komposta ghaliex kieku l-Qorti ma kientx taqa' fl-izbal grossolan illi tibbaza l-konklusjoni taghha illi din it-talba kienet frivola ghaliex qalet li d-dokument li minnu l-avukat sottoskritt skopra li kien hemm kuntratt li jbiddel il-posizzjoni, kien gie prodott mill-esponenti stess meta fil-fatt dana kien gie esibit mill-attrici propju biex juri li kien hemm konsorzju tal-utili dominju tal-fond de quo;

Illi minn sentenza dwar talba ghar-ritrattazzjoni ma jista' jsir ebda appell jew ritrattazzjoni u ghalhekk ma hemm ebda rimedju illum hlief din il-procedura;

Illi dawn il-fatti jikkostitwixxu manifestament ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal-Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghalhekk l-esponenti fil-kwalitajiet taghhom premessi, jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha taghti r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali taghhom, fosthom billi tiddikjara li s-sentenza finali tas~27 ta' Marzu 2007 moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Citazzjoni nru 73/1958 fl-ismijiet 'Debono Maria et vs Mercieca Paolo Av. Dr. noe et' bhala nulla minhabba li kisret id-drittijiet taghhom fundamentali protetti mill-imsemmija Artkolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; Bl-ispejjes;

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali li *in forza* taghha wiegbu illi:

Illi minghajr pregudizzju fl-ewwel lok l-esponenti jixtieq jirrileva li huwa qieghed prezentement jintavola din r-risposta in ottempranza tad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti stante li dan r-rikors gie nnotifikat lill-istess esponenti proprju nhar l-Gimgha 11 ta’ Mejju 2007 fit-3.15 ta’ wara nofs n-nhar u cioe’ meta r-Registru tal-Qorti kien maghluq; Illi, ukoll minghajr pregudizzju, minhabba dan il-fatt u minhabba l-fatt li ma kienx possibli li jsir il-verifikazzjoni idoneja ta’ certi allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti fir-rikors promotur, l-istess esponenti jixtieq jirrizerva d-dritt li jintavola risposta ulterjuri ghal dan r-rikors fi stadju ulterjuri;

Illi fl-ewwel lok u wkoll minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, r-rikorrenti f’ebda punt ma ezebew fl-atti ta’ dawn il-proceduri xi prokura minghand l-assenti Madame Paulette Poly Missud armla ta’ Jean Missud u ta’ uliedha Thiery Missud, Laurent Missud u Isabelle Missud mart Jean Pierre Vienaud favur r-rikorrenti Anthony Galea u prokura ohra minghand l-assenti Frank Galea favur r-rikorrenti Bernarda Galea, u ghaldaqstant ghandha ssir il-prova tal-ezistenza ta’ dawn il-prokuri da parti tar-rikorrenti qabel ma jista jigi ttratat il-mertu tar-rikors odjern;

Illi minghajr ebda pregudizzju, fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur, saret riferenza ghar-rikors maghmul mir-rikorrenti fl-14 ta’ Settembru 2005, minghajr ma ssemma

ezattament min kienu l-partijiet f'dan r-rikors u minghajr ukoll ma ssemma n-numru ta' riferenza sabiex l-esponenti kien jitpogga f'posizzjoni li jaghmel l-verifiki tieghu - kieku stess r-Registru tal-Qorti kienet miftuha;

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, l-esponenti qieghed jirredigi l-prezenti risposta biex abbazi ta' dak allegat fir-rikors promotur illi minnu jirrizulta li hemm lok li jinghataw ukoll l-eccezzjonijiet segwenti:

01 Illi la darba l-proceduri li minnhom qed jilmentaw ir-rikorrenti ghadhom ma gewx decizi finalment, huwa opportun illi din il-Qorti tiddesisti milli tezercita l-manzjonijiet taghha skond il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u skond il-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u dan ai termini tal-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319;

02 Illi la darba r-rikorrenti qeghdin jilmentaw mis-smiegh li nghata lilhom biss fi procedura ta' ritrattazzjoni dwar sentenza in parte, huwa rilevanti illi l-istess procedura huma diretti biss lejn t-trattazzjoni dwar dak li sehh f'incident fil-kawza u bhala tali dawk il-procedura ta' ritrattazzjoni ma jiddeterminawx l-ebda drittijiet jew obligi civili u ghalhekk l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx ghal tali proceduri;

03 Illi anke kieku wiehed kellu jassumi illi fil-proceduri li minnhom qieghed jilmenta r-rikorrent ma saret ebda trattazzjoni orali, dan m'huwiex bizzejjed biex iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li fl-istess proceduri, r-rikorrenti ma nghatax smiegh xieraq u dan stante li t-talba ghar-ritrattazzjoni ta' kawza ssir bil-miktub u l-proceduri bil-miktub suppost li ghandhom ikunu sufficjenti biex jaghmilha possibbli li l-Qorti tiddeciedi dwar il-fondatezza o meno tat-talba;

04 Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija ukoll nfundata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ghall-mertu;

Ghaldaqstant t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata Carmela Vella li *in forza* taghha wiegbet illi:

Illi jigi rilevat qabel xejn illi r-rikors kostituzzjonali gie notifikat lill-esponenti nhar il-gimgha li ghaddiet filghaxija;

Illi mhux veru li fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2006, il-kawza giet imhollija **biss** sabiex jinghata provvediment dwar talba li kien ghamel l-avukat sottoskritt biex jigi revokat contrario imperio digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2006. Kif jidher car mill-verbal tas-seduta, l-appell (recte: ir-ritrattazzjoni) gie differit ghall-Provvediment fuq it-talba maghmula llum (cjoe' ta' Dr Mercieca) **u ghas-sentenza** (sottolinear tal-esponenti) ghat-2 ta' Marzu 2007 f'nofsinhar;

Illi huwa prezunt li l-verbali tal-Qorti jkunu maghmulin korrettement;

Illi anke fir-rikors promotorju ta' din il-procedura kostituzzjonali, ir-rikorrent innifsu jammetti li l-President qal li l-kawza kienet se tigi differita ghat-2 ta' Marzu ghal provvediment fuq it-talba maghmula llum u ghas-sentenza;

Illi mbaghad ir-rikorrent kompla jghid li Dr Camilleri immedjatament gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi huwa ried jitratta l-mertu tar-rikors li ma kienx ghadu gie qatt trattat u dana rrispondih li jkollu cans li jaghmel dan ghax kellu jinghata provvediment biss. Meta Dr Camilleri gibed l-attenzjoni tal-Qorti li fid-data li ghaliha giet imhollija l-kawza huwa ma jkunx jista’ jattendi ghaliex kellu jkun quddiem il-Qorti ta' Ghawdex wiehed mill-imhallfin rega' qallu ma jimpurtax din thalliet ghall-provediment. Dan m'huwiex korrett. Kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-Appell, qabel ma Dr Mercieca talab ir-revoka tad-digriet, id-difensuri tal-partijiet **ittrattaw.** L-ewwel li beda kien Dr Camilleri li elabora fuq il-motivazzjonijiet tar-rikors tieghu tar-ritrattazzjoni skond l-artiklu 811 tal-Kap 12. Waqt it-trattazzjoni beda kontinwament jipprova jidhol fil-mertu tal-kawza fejn inghatat is-sentenza minnu impunjata, billi

jitratta l-ghala ma kienx hemm konsorzju tal-cens bejn il-partijiet kontendenti, li qeghdin jitlewmu dwar irkupru successorju taht ligi llum abrogata. Il-Qorti spjegat lil Dr Camilleri li ma setax jittratta dan il-mertu ghax, skond il-procedura tar-ritrattazzjoni, l-ewwel il-qorti trid tara hemmx lok, skond l-artiklu 811 tal-Kap 12, li tithassar is-sentenza (stadju in rescindente); imbaghad, jekk id-decizjoni taghha tkun pozittiva, tidhol fit-tieni stadju u cjoe' jigi ezaminat mill-gdid il-mertu tal-kawza (in rescissorio). Meta l-President iddetta l-verbal lir-Registratur u ddifferixxa l-kawza kemm ghall-provvediment kif ukoll ghas-sentenza, Dr Camilleri rega' rrimarka li huwa ma kienx ghadu ttratta sewwa l-mertu, u li fid-data li fit-2 ta' Marzu ma kienx sejjer ikun jista' jattendi ghax kellu udjenza quddiem il-qorti t'Ghawdex. Hawn wiehed mill-imhallfin irrimarkalu li ma kienx jimporta ghax kull ma kienet se taghmel il-Qorti kien li taghti sentenza dwar l-ewwel stadju tal-proceduri (in rescidente), u li jekk kemm-il darba taqtaghha favur il-klijenti ta' Dr Camilleri, allura kienet thalli l-kawza ghal darb'ohra;

Illi anke kieku kienet minnha l-verzjoni ta' Dr Camilleri, ma hemm l-ebda ksur ta' smiegh xieraq ghax fir-rikors tar-ritrattazzjoni huwa ttratta l-mertu fid-dettall. Kien anzi l-avukat sottoskritt, patrocinatur ta' Carmela Vella, ir-ritrattata, li ma semmax lehnu dwar il-mertu - u mhux ghax kien hemm xi qorti li perentorjament ghamlitlu xi sarima ma' halqu, imma sempliciment ghax ma setax jaghmel dan fl-ewwel stadju tal-procedura tas-smigh tar-ritrattazzjoni (in rescindente);

Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din il-Qorti jghogobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti li huma vessatorji, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Mejju 2007;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti u tal-intimati;

Ikkunsidrat :

Illi dan huwa rikors kostituzzjonali illi sar sabiex il-Qorti tiddikjara is-sentenza tas-2 ta’ Marzu 2007 moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ismijiet "Debono Maria et vs Mercieca Paolo Avukat Dottor nomine et" bhala nulla minhabba li allegatament din id-decizjoni kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europeja;

Ikkunsidrat :

Illi mill-atti jirrizulta illi fit-2 ta’ Marzu 2007 il-Qorti tal-Appell kienet tat decizjoni li permezz taghha kienet cahdet it-talba ta’ ritrattazzjoni tal-kawza maqtugha b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004.

Illi Anthony Galea u Bernarda Galea nomine qeghdin jikkontendu li s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2007 hija nulla in kwantu din inghatat minghajr ma qatt saret trattazzjoni fuq il-mertu.

Illi l-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2006 jaqra hekk :
“Meta issejjah l-appell dehru uhud mill-partijiet u l-avukati taghhom.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw.

Dr Grazio Mercieca talab li din il-Qorti thassar 'contrario imperio' d-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 2006 ghar-raguni (1) illi d-decizjoni fit-tielet paragrafu ma ssegwiex il-premessa maghmulha fl-ewwel paragrafu; u (2) ghax id-decizjoni ma hiex motivata.

Dr Albert Camilleri jopponi ghat-talba billi il-provvediment tal-20 ta' Novembru 2006 huwa sentenza in parte.

L-Appell gie differit ghal provvediment fuq it-talba maghmula illum u ghas-sentenza ghat-2 ta’ Marzu 2007 f’nofsinhar”.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat sew il-verbal tal-Qorti ta’ l-Appell tas-27 ta’ Novembru 2006 a fol. 106 tal-process fejn it-tieni linja ta’ dan il-verbal taqra hekk : “Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw”.

Illi ghalhekk jirrizulta illi Dr Camilleri kellu kull opportunita sabiex jittratta quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, kif fil-fatt ghamel. Wara li semghet din it-trattazzjoni Dr Grazio Mercieca talab li din il-Qorti thassar 'contrario imperio' d-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 2006 ghar-raguni. Dr Albert Camilleri oppona it-talba billi il-provvediment tal-20 ta' Novembru 2006 kien sentenza in parte. Finalment il-verbal ighid hekk : “L-Appell gie differit ghal provvediment fuq it-talba maghmula illum u ghas-sentenza ghat-2 ta’ Marzu 2007 f’nofsinhar”.

Illi anke l-istess Dr Albert Camilleri ammetta illi sema’ lill-President tal-Qorti ta’ l-Appell ighid illi l-appell qieghed jigi differit ghall-provvediment u ghas-sentenza.

Illi li gara kien illi l-ewwel saret it-trattazzjoni tal-mertu, kif jirrizulta mill-verbal, “Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw” u giet diskussa d-decizjoni tal-20 ta’ Novembru 2006, tant illi l-Qorti ta’ l-Appell irregistrat it-talba ta’ Carmela Vella, kif ukoll it-twegiba ta’ Anthony Galea et.

Illi sussegwentement l-appell gie differit mhux biss sabiex jinghata provvediment dwar it-talba illi kien ghamel Dr Grazio Mercieca sabiex jigi revokat 'contrario imperio' d-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2006, izda ukoll ghas-sentenza ghat-2 ta’ Marzu 2007 f’nofsinhar.

Illi kif tajjeb inghad huwa presunt illi l-verbali tal-Qorti ikunu maghmulin korrettement u li jinqraw b’mod li jaghmlu sens, pjuttost illi jinqraw f’sens assurd.

Illi wkoll huwa minnu illi jekk parti jidhrilha li verbal ma kienx korrett jew trid tinterpretah b'mod iehor, il-piz tal-prova jaqa fuq dik il-parti li tkun qeghda taghmel din l-allegazzjoni u ma jirrizultax illi r-rikorrenti ressqu xi prova f'dan is-sens u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti la tirrizulta mid-dicitura tal-verbal u lanqas ma tirrizulta mill-provi.

Illi jirrizulta wkoll illi dak illi gara fil-Qorti ta' l-Appell waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru, 2006_kien illi il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet illi l-ewwel kellu jigi deciz jekk is-sentenza rittrattanda kellhiex tigi imhassra jew le, dak illi jissejjah in rescindente u ghalhekk f'dak l-istadju ma setgha isir l-ebda trattazzjoni dwar is-smigh mill-gdid tas-sentenza rittrattanda, dak li jissejjah in rescissorio.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi ma sar l-ebda ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u dana peress illi z-zewg partijiet inghataw smigh xieraq fil-kawza kif irrizulta mill-provi kollha illi gew prodotti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tiddeciedi dan ir-rikors billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------